MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2003

Numru. 749/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
MOURAD DOUIBA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mourad Douiba ta' 21 sena, iben Abdelatif u Habiba nee Douiba, imwieled Marokk fit-3 t'Awissu 1982 u li joqghod Flat 2, Sunset Court, Triq il-Port Ruman, Qawra, detentur ta' karta tal-identita Marokkina nru G 452912 talli fil-5 ta' Settembru 2003, ghall-habta tas-1am, u wara dan il-hin, fil-Qawra, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Mohamed Giza, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin.

Talli bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra,

bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Talli iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat ta' hold up li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' l-istess reat b'mod li setghu inbdrew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Halef il-falz quddiem magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tas-6 ta' Settembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 262, 270, 110(1)(2), 108(1) tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer ghall-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------